**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**B10-0026/2024 }**
**B10-0051/2024 }**
**B10-0052/2024 }**
**B10-0053/2024 }**
**B10-0054/2024 }**
**B10-0055/2024 }**

**RC1**

18.9.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikoli 150(5) u 136(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B10-0026/2024 (The Left)
B10-0051/2024 (Verts/ALE)
B10-0052/2024 (Renew)
B10-0053/2024 (ECR)
B10-0054/2024 (S&D)
B10-0055/2024 (PPE)

dwar is-sitwazzjoni gravi tal-priġunieri politiċi fil-Belarussja
(2024/2804(RSP))

**Sebastião Bugalho, Sandra Kalniete, Tomas Tobé, Michael Gahler, Andrzej Halicki, Gabriel Mato, Marcin Kierwiński, Željana Zovko, Tomáš Zdechovský, Jörgen Warborn, Wouter Beke, Ondřej Kolář, Nicolás Pascual De La Parte, Mirosława Nykiel, Reinhold Lopatka,**

**Michał Wawrykiewicz, Luděk Niedermayer, Rosa Estaràs Ferragut, Jessica Polfjärd, Antonio López-Istúriz White, Isabel Wiseler-Lima, Vangelis Meimarakis**
f'isem il-Grupp PPE
**Yannis Maniatis, Francisco Assis, Thijs Reuten**
f'isem il-Grupp S&D
**Carlo Fidanza, Adam Bielan, Mariusz Kamiński, Tobiasz Bocheński, Alberico Gambino, Ondřej Krutílek, Roberts Zīle, Michał Dworczyk, Veronika Vrecionová, Jadwiga Wiśniewska, Sebastian Tynkkynen, Assita Kanko, Rihards Kols, Małgorzata Gosiewska, Reinis Pozņaks, Maciej Wąsik, Joachim Stanisław Brudziński**
f'isem il-Grupp ECR
**Michał Kobosko, Petras Auštrevičius, Dan Barna, Benoit Cassart, Olivier Chastel, Bernard Guetta, Karin Karlsbro, Ľubica Karvašová, Moritz Körner, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Jan-Christoph Oetjen, Urmas Paet, Eugen Tomac, Hilde Vautmans, Marie-Pierre Vedrenne, Lucia Yar, Dainius Žalimas**
f'isem il-Grupp Renew
**Sergey Lagodinsky, Mārtiņš Staķis, Nicolae Ştefănuță, Virginijus Sinkevičius**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Rima Hassan**
f'isem il-Grupp The Left

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni gravi tal-priġunieri politiċi fil-Belarussja**
**(2024/2804(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra d-diversi riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Belarussja minn Awwissu 2020,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 150(5) u 136(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-reġim ta' Lukashenka ilu mill-elezzjoni presidenzjali frawdolenti tad-9 ta' Awwissu 2020 irażżan b'mod sistematiku lill-attivisti politiċi, lis-soċjetà ċivili, lill-media, lit-trade unions u lid-dissidenti kollha u lid-difensuri tagħhom, u arbitrarjament żamm għexieren ta' eluf ta' persuni;

B. billi Lukashenka ħabbar il-kandidatura tiegħu għall-elezzjoni presidenzjali tal-2025 għas-seba' mandat;

C. billi ħafna mill-1 350 priġunier politiku fil-Belarussja huma soġġetti għal kundizzjonijiet ta' theddida għal ħajjithom u bosta mietu fil-ħabs;

1. Jitlob li l-awtoritajiet Belarussi jeħilsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lill-priġunieri politiċi kollha u lill-persuni kollha detenuti b'mod arbitrarju;

2. Jesprimi tħassib kbir dwar is-sitwazzjoni ta' ħafna priġunieri politiċi, inklużi Maria Kalesnikava, Siarhei Tsikhanouski, Mikalai Statkevich, Ales Bialiatski, Maksim Znak, Viktar Babaryka, Ihar Losik, Palina Szarenda-Panasiuk, Pavel Seviarynets, Aliaksandr Yarashuk, Mikita Zalatarou u Yana Pinchuk, li ħafna minnhom ilhom jinżammu f'iżolament għal xhur jew snin, jiffaċċjaw problemi serji ta' saħħa, bħal Maria Kalesnikava u Andrzej Poczobut, u huma soġġetti għal iżolament, trattament ħażin u tortura;

3 Jiddispjaċih li l-priġunieri politiċi Belarussi ma setgħux jibbenefikaw mill-isforzi reċenti biex jinħelsu l-priġunieri politiċi u ċ-ċittadini tal-Punent fir-Russja u fil-Belarussja; jappella għal sforzi intensifikati biex dawn jinħelsu;

4. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Belarussi jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem tad-detenuti, jipprovdu informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tagħhom, jipprovdu t-trattament mediku meħtieġ u jippermettu aċċess għall-avukati, għall-membri tal-familja u għall-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar;

5 Itenni l-appell tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jappoġġjaw lill-priġunieri politiċi u lill-familji tagħhom billi jitolbu, f'kull opportunità, il-ħelsien immedjat tagħhom, isejħu lill-ambaxxaturi tar-reġim biex jitolbu prova tal-kundizzjoni u l-post tagħhom, jissimplifikaw il-proċeduri għall-kisba ta' viżi u dokumenti ta'

identifikazzjoni proviżorja għal dawk li qed jaħarbu mill-Belarussja, u jipprovdu riabilitazzjoni, u appoġġ prattiku u finanzjarju;

6. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jwessgħu u jsaħħu s-sanzjonijiet kontra l-individwi u l-entitajiet responsabbli għar-repressjoni fil-Belarussja;

7. Jesprimi tħassib dwar il-persekuzzjoni fl-eżilju, eż. l-abbuż tal-mandati ta' arrest tal-Interpol biex tinkiseb l-estradizzjoni ta' avversarji politiċi minn pajjiżi mhux tal-UE; jistieden lis-Serbja żżomm lura milli testradixxi lill-ġurnalist Belarussu Andrei Hnyot u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jimmonitorjaw il-każ tiegħu; jesprimi tħassib dwar it-300 000 Belarussu li ġew imġiegħla jitilqu mill-Belarussja mill-2020 u jiffaċċjaw persekuzzjoni politika barra mill-pajjiż;

8. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jaħdmu biex ir-reġim ta' Lukashenka jinżamm responsabbli għar-reati tiegħu u japplikaw il-prinċipju ta' ġuriżdizzjoni universali;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-VP/RGħ, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tas-Serbja, lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, u lir-rappreżentanti tal-forzi demokratiċi Belarussi u lill-awtoritajiet *de facto* tar-Repubblika tal-Belarussja.